# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 187/2024: **BNF BANK PLC ĠIA BANIF BANK (MALTA) PLC (C41030) V. SHARON VASSALLO (KI. 572377M)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**2 ta' Diċembru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' BNF Bank plc (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2024[1] li permezz tiegħu talbet lil Sharon Vassallo ("l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata mill-Qorti illi:

> **'tħallasha s-somma ta' għaxart elef u erba' mija u sittin Euro u erbatax -il ċenteżmu (€10,460.14) rappreżentanti dejn fuq numru ta' kontijiet miżmuma mal-kumpannija esponenti u speċifikament kif ġej:**
>
> 1. **tmint elef u tlett mija u disgħa u tmenin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€8,389.32) bl-imgħaxijiet inklużi (ara Dok. 'A') u dovuti fuq Lifestyle Car Loan Account numru 411736 71 002 kwantu self konċess lilek flimkien ma' terzi, permezz ta' Credit Agreement datat 24 ta' Marzu 2014 (ara Dok. 'B'); u**
>
> 2. **elf u tlett mija u wieħed u sittin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1,361.61) bl-imgħaxijiet inklużi (ara Dok. 'C') u dovuti fuq Lifestyle Loan Account numru 411736**

[1] Fol 1-56

71 003 kwantu self konċess lilek flimkien ma' terzi, permezz ta' Credit Agreement datat 29 ta' Settembru 2014 (ara Dok. 'D'); u

3. spejjeż Bankarji marbuta mal-Loan Accounts fuq imsemmija u speċifikament kif ġej:

   a. kwantu Current Account numru 170674 10 001, l-ammont ta' mitejn u tnejn u ħamsin Euro u disgħin ċenteżmu (€252.90), bl-imgħaxijiet inklużi (ara Dok. 'E'); u

   b. kwantu Current Account numru 170674 01 001, l-ammont t'erba' mija u sitta u ħamsin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€456.31) (ara Dok. 'F').

L-ammont mitlub f'din il-kawża sar dovut kollu lill-kumpannija esponenti ai termini tal-artikolu 12 tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'B' u tal-artiklu 15 tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'D' u dan għax skond l-istess Credit Agreements, seħħew waħda jew aktar mill-events of default hemm imsemmija, partikolarment, iżda mhux esklussivament:

a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

k) In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,

n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility.

Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpellaha diversi drabi biex tħallasha l-ammont dovut, fosthom permezz t' ittra legali datata 22 ta' Jannar 2019 (ara Dok. 'G' u ittra uffiċjali maħruġa ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 1514/2024 (ara Dok. 'H', liem'ittra baqgħet ma ġietx notifikata lilha u għalhekk baqgħet inadempjenti u d-dejn għadu ma tħallasx u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Illi r-rappreżentanti tal-kumpannija esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali u l-ittra uffiċjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 1391/2024 maħruġ kontriha flimkien ma' terzi; u kif ukoll bl-imgħaxijiet mis-17 t'April 2024 sad-data tal-ħlas effettiv skond kif ġej:

1. **disgħa punt erbgħa disgħa fil-mija (9.49%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Kont numru 411736 71 002 ai termini t' artikoli 5 u 12 tal-Credit Agreement markat Dok. 'B' u msemmi aktar l'fuq, u**
2. **ħdax fil-mija (11%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Kont numru 411736 71 003 ai termini t'artikoli 6 u 15 tal-Credit agreement markat Dok. 'D' u msemmi aktar l'fuq, u**
3. **għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Accounts fuq imsemmija u dan ai termini tat-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'I' u partikularment l-immarkar bil-kulur aħdar fuqu).**

**L-intimata qed minn issa tiġi nġunta in subizzjoni u dan kollu mingħajr preġudizzju u b'rizerva għall-pretensjonijiet l-oħrajn kollha tal-kumpannija esponenti fil-konfront tagħha'**

wara li rat li bl-Ordni tagħha tat-13 ta' Settembru 2024[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimata sabiex tippreżenta r-risposta tagħha u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilha tar-rikors u tal-Ordni u inoltre appuntat il-kawża għas-smiegħ għat-18 ta' Novembru 2024,

wara li rat li l-intimata ġiet notifikata bir-rikors promotur, bl-Ordni msemmija u bl-avviż tas-smiegħ fit-23 ta' Settembru 2024[3],

wara li rat illi l-intimata baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilha,

wara li rat li fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024 l-intimata ma dehritx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata[4],

wara li rat illi l-intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2024[5],

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob is-somma ta' € 10,460.14 rappreżentanti dejn fuq numru ta' kontijiet bankjarji miżmuma magħha, kif speċifikati fir-rikors promotur. Intalbu ukoll l-imgħaxijiet komposti kif dettaljat fl-istess rikors promotur u l-ispejjeż.

---

[2] Fol 58-59
[3] Fol 62 wara
[4] Fol 63-64
[5] Fol 65

2. L-intimata, notifikata skond il-liġi, baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u ma dehret għall-ebda seduta.

3. Fis-seduta tas-18 ta' Novembru 2024 l-intimata ma dehritx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tagħha[6]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimat '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimata għal-lum 2 ta' Diċembru 2024.

4. L-intimata għal darb' oħra naqqset milli tidher fis-seduta tal-lum 2 ta' Diċembru 2024 u dan sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimata f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> **'171 (2). Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'**

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> **'215. Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'**

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> **'702 (1). Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'**

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> **'699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.**

[6] Fol 64

**(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'**

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

**'713. Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'**

10. It-talba għas-subizzjoni tal-intimata saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

**' 702 (3)(b) ... il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'**

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tal-lum 2 ta' Diċembru 2024.sabiex l-intimata twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

13. Meta fis-seduta tal-lum 2 ta' Diċembru 2024 l-intimata naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex jwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrenti fir-rigward tas-sorte u l-ispejjeż għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

"din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

15. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> "huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process."

16. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> "ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti."

17. Il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda ta' **Alfred Ferrante** (rappreżentant tar-rikorrenti) mogħtija fit-18 ta' Novembru 2024 u fit-2 ta' Diċembru 2024 u wara li rat ukoll id-dokumenti relattivi, hija sodisfatta illi l-intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma mitluba u dan b'żieda mal-konfessjoni preżunta tal-istess intimata wara li ġie ammess il-kapitolu għas-subizzjoni tagħha.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi tikkundanna lill-intimata sabiex tħallasha s-somma ta' għaxart elef erba' mija u sittin euro u erbatax-il ċenteżmu € 10,460.14 rappreżentanti dejn fuq numru ta' kontijiet bankjarji miżmuma magħha, kif speċifikati fir-rikors promotur. Bl-imgħaxijiet kif mitluba mis-17 ta' April 2024 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-intimata.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur